MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2013

Numru. 280/2013

**Il-Pulizija
(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Alfred Caruana ta’ 42 sena iben Joseph u Sebastiana nee` Farrugia, imwieled Pieta` nhar 01/06/1970, App Ind Blk 1 Ent C Flt 5 Triq il-villa ta’ l-Ammiral, Kalkara ID card nr 241170(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli nhar it-22 ta’ Marzu 2013 ghal habta tal-10pm gewwa l-Kalkara bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` li minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta’ Claudio Ghirlando minn Birkirkara f’periklu car ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ l-imsemmi Claudio Ghirlando minn Birkirkara, li tista ggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem.

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Claudio Ghirlando minn Birkirkara skond ma ccertifikat it-tabib tal-poliklinika ta’ Rahal Gdid Dr. B Zammit MD 2867.

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Carl Caruana skond ma ccertifika it-tabib tal-poliklinika ta’ Rahal Gdid Dr. J.P. Camilleri MD 3471.

U aktar talli f’diversi okkazjonijiet fl-istess perjodu u cirkostanzi gab ruhu b’mod li ta fastidju lil persuna ohra, u jew b’mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan kien ta’ fastidju ghal din il-persuna.

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi uza xi network jew apparat ta’ komunikazzjonijiet eletronici fornut minn impriza ghal ghan li ma kienx dak fornut ghalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li kienu mahruga mill-impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta’ komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b’mod mhux kif imiss.

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ Bormla, liema hsara hija ta’ aktar minn €116.57 (mija u sittax il-Euro u hamsa u sebghin centezmu) izda mhux aktar minn €1164.69 (elf mija u erbgah u sittin euro u disa’ u sittin centezmu) ghad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija.

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi uza u/jew kellu fil-pussess tieghu arma propja ponn tal-hadid.

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika b’ghajjat u storbju jew glied.

U finalment qieghed jigi akkuzat talli irrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

wara li gie misjub hati minn dawn il-Qrati ta’ Malta b’sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghall-akkadut u iddikjara li lest jikkumpensa l-vittmi ghal hsara u fuq kollox il-fatt illi l-imputat ghandu problema tal-alkohol li trid tigi indirizzata mill-aktar fis.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 214, 2315, 216(1)(d), 221, 251A, 325(1)(b), 339(1)(e), 338(dd) u 17(h)tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, lartikolu 48(1)(d) tal Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba u tikkundannah ghal perjodu ta’ sena prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum

Wara li rat l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta_l-Qorti qed tqieghed lil hati taht ordni ta’ supervizjoni ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikser xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu f’din l-ordni jew jekk huwa jonqos li jsegwi xi ordni mghotija lilu mill-Ufficjal Sorveljanti.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta qed torbot lil hati taht garanzija li jzomm il-kwiet u l-bon ordni fil-konfront ta' Claudio Ghirlando, Carl Caruana u Lucienne Attard taht penali ta' €2,000 ghal-zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta' dokument G.

Finalment il-Qorti tordna li l-atti flimkien ma kopja tas-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------